MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 561/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Pauline Cassar u b'digriet tat-8 ta' Ottubru 2001 il-kunjom "Cassar" gie sostitwit bil-kunjom "Scerri"**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tmienja u tmenin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm488.52) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 801374 (skond kif jirrizulta mill-istatement Dok A) anness mal-avviz liema servizz gie stallat fil-fond 13, Sqaq it-Torri, Bormla, u dana skond ma kif jidher mill-kopja ta' applikazzjoni annessa mal-avviz u mmarkata Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u 3 kif ukoll id-digriet moghti fit-8 ta’ Ottubru 2001 u li jinsab a fol 11 tal-atti, li permezz tieghu kunjom il-konvenuta gie korrett minn “Cassar” ghal “Scerri.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fid-9 ta' Dicembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta Pauline Scerri sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm488.52,0 bl–imghaxijiet legali mis-sitta (6) ta’ Gunju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Deputat Registratur